4 ta' Marzu, 1948

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmela Baldacchino *versus* Emmanuele Calleja

**Danni — Responsabilità għall-Fatt ta' Ħadd Ieħor — Minuri — Art. 1077 tal-Kodići Ċivili.**

*Kull min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri huwa obligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri, meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix.*

*It-tfal ta' taħt l-età ta' disgħa snin, u, meta ma jiġix pruvat li mxew b'ħażen, anki dawk li ma jkunux għalqu l-erbatax-il sena, ma humiex obligati għall-ħlas tal-ħsara minnhom magħmula.*

*Dana però ma jfissirx illi meta t-tfal ta' beju id-disgħa snin u l-erbatax-il sena ikunu mxew b'ħażen il-persuna dannegġjata għandha tagħżel kontra l-minuri u li ma tistax tieħu azzjoni kontra min kellu l-ħsieb ta' dawk il-minuri, jekk jikkonkorru l-elementi meħtieġa għall-eżerċizzju ta' dik l-azzjoni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi Frank Calleja, tifel minuri tal-konvenut, fl-ewwel xhur tas-sena 1947, jew f'epoka prossima, u f'diversi drabi, approprja ruħu minn ammont komplessiv ta' £38, 10, 0, jew ammont verjuri akbar jew iżgħar illi jista' jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, mill-ħanut nru. 120 Kingsway, Valletta; liema flus kienu proprjetà tagħha; u li l-konvenut, missier

il-minuri fuq imsemmi, għandu l-kura u l-ħsieb ta' l-istess minuri, u huwa għalhekk responsabili għar-rifużjoni ta' l-ammont approprjat mill-imsemmi minuri a dannu ta' l-attriċi; talbet, prevja, jekk neċessarja, id-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabili għar-rifużjoni ta' l-istess ammont approprjat mill-imsemmi ibnu minuri a dannu tagħha, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilha s-somma ta' £38. 10. 0, jew ammont verjuri superjuri jew inferjuri, in linea ta' rifużjoni ta' danni għall-ammont ekwivalenti approprjat fl-ewwel xhur tas-sena korrenti 1947, jew epoka prossima, mill-minuri Frank Calleja a dannu tagħha mill-ħanut nru. 120 Kingsway, Valletta. Bl-ingħax legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1947;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni preliminari, illi l-azzjoni ma tistax tiġi proposta kontra l-konvenut personalment billi ibnu aġixxa b'dixxerniment:

Illi skond l-art. 1077 Kodiċi Ċivili, kull min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri hu obligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri, meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja biex il-fatt ma jiġrix. Skond l-artikolu sussegwenti, it-tfal ta' taħt l-età ta' disa' snin, u, meta ma jiġix pruvat li mxew bil-ħażen, it-tfal ukoll li ma jkunux għalqu l-età ta' erbatax-il sena, ma humiex obligati għall-ħlas tal-ħsarat magħmulin minnhom;

Illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq ċitati ma jimpurtawx li, meta minorenni bejn l-età ta' disgħa u erbatax-il sena jkun mexa bil-ħażen, il-persuna danneġġjata għandha taġixxi kontra l-minorenni u ma tistax tieħu azzjoni kontra min kellu l-ħsieb ta' dak il-minorenni, in bażi għar-responsabilità indiretta skond l-art. 1077, jekk jikkonkorru l-elementi għall-eżerċizzju ta' dina l-azzjoni;

Illi difatti, kif ġie rilevat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta 'April 1925, in re "Davies vs. Mc.Hallam" (Kollez. Vol. XXVI-II-92), ir-responsabilità stabbilita fl-art. 1077 hija diversa minn dik attribwita lill-minuri ta' l-età bejn id-disgħa u l-erbatax-il sena, meta jkunu mxew b'dixxerniment; għaliex l-ewwel waħda hija r-responsabilità ċivili indiretta, li għandha l-fondament tagħha fil-"culpa in eligendo" ta' dawk li għand-

hom il-kura tal-minorenni, u l-oħra hija r-responsabilità ċivili diretta, li għandha l-*fondament* tagħha fl-obligazzjoni għar-riżarċiment tad-dannu magħmul b'att imputabili lill-awtur tiegħu; u għalhekk, anki meta lill-persuna danneġġjata tmiss l-azzjoni kontra l-minorenni minħabba r-responsabilità diretta tiegħu, dana ma jtellifx lil dik l-persuna danneġġjata d-dritt li teżerċita l-azzjoni kontra min għandu l-ħsieb tal-minorenni minħabba r-responsabilità indiretta tiegħu, jekk, naturalment, jikkonkorru l-elementi għall-eżerċizzju ta' dik l-azzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-preġudizzjali opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu.